III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI 2008/178/PESK TAL-KUNSILL

**tat-28 ta' Jannar 2008**

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fi transitu fit-territorju tar-Repubblika tal-Kamerun**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Settembru 2007, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1778 (2007), li tawtorizza l-Unjoni Ewropea li tiskjera fiċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, għal perijodu ta' sena mid-data tad-dikjarazzjoni tal-kapaċità operattiva inizjali, operazzjoni maħsuba biex jitwettaq il-mandat stabbilit f'din ir-riżoluzzjoni.

(2) Barra minn hekk, ir-Riżoluzzjoni 1778 (2007) impenjat lill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari lill-Istati ġirien taċ-Ċad u tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, biex jiffaċilitaw it-trasport lejn iċ-Ċad u r-Repubblika Ċentru-Afrikana b'mod liberu, mingħajr tfixkil u mingħajr telf ta' żmien tal-persunal kif ukoll t-tagħmir, fornimenti u proviżjonijiet u merkanzija kollha oħra ddestinati għall-operazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

(3) Fil-15 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/677/PESK dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana [1] (EUFOR Tchad/RCA).

(4) Parti importanti ta' l-EUFOR Tchad/RCA ser tkun fi transitu fit-territorju tar-Repubblika tal-Kamerun.

(5) B'segwitu għall-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fit-18 ta' Settembru 2007, f'konformità ma' l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, innegozjat ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fi transitu fit-territorju tar-Repubblika tal-Kamerun.

(6) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-istatus tal-forzi mmexxijin mill-Unjoni Ewropea fi transitu fit-territorju tar-Repubblika tal-Kamerun huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Jannar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. RUPEL

[1] ĠU L 279, 23.10.2007, p. 21.